ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA — IR-RELIĠJON — IL-ĦIN: Siegħa

L-Isem u l-Kunjom: _____ Il-Klassi: _____

Din il-karta tal-eżami fiha SEBA' taqsimiet.

Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Għall-użu tal-għalliema

Taqsima 1	Taqsima 2	Taqsima 3	Taqsima 4	Taqsima 5	Taqsima 6	Taqsima 7	Total
15	15	15	15	15	15	10	

TAQSIMA 1 **(15 il-marka)**

IR-RISPETT U L-KONVIVJALITÀ

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. *(4 marki)*

1. Il-pajjiż fejn għex Ġesù nsejħulu (Ġerusalemm, il-Palestina, l-Italja).
2. Ġesù trabba (f'Najn, f'Kafarnahum, f'Nazaret).
3. Il-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù seħħew fil-belt ta' (Ġeriko, Betlem, Ġerusalemm).
4. Ġesù għamel l-ewwel miraklu tiegħu waqt tieġ (f'Kana, f'Nazaret, f'Betanja).

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna. *(4 marki)*

5. Il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni seħħet fuq il-muntanja **T**_____.
6. L-Appostli Pietru, Indri, Ġakbu u **Ġ**_____ kienu minn Kafarnahum.
7. Fil-belt ta' **Ġ**_____ Ġesù sejjaħ lil Żakkew u dan bidel ħajtu u mar warajh.
8. Fil-parabbola tas-**S**_____ it-Tajjeb, Ġesù jurina kif għandna nuru mħabba lejn il-proxxmu fil-bżonn.

Wieġeb.

9. (a) Semmi personaġġ mit-Testment il-Qadim li wettaq dak li Alla ried minnu.

_____ *(marka)*

(b) Agħti **ŻEWĠ eżempji** biex turi kif inti llum bħala Nisrani/ja tista' tgħix fuq l-eżempju ta' dan il-personaġġ.

(i)_____ *(marka)*

(ii)_____*(marka)*

Kompli s-sentenza. *(4 marki)*

10. Sa minn età żgħira Beata Chiara Luce Badano _____

_____

11. Bħal Beata Chiara Luce Badano jien ukoll _____

_____

TAQSIMA 2 **(15-il marka)**

IL-KELMA T'ALLA – IL-BIBBJA

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numri minn 1 sa 5 fil-kaxxa l-vojta fin-nofs. *(5 marki)*

	Kolonna A		**Kolonna B**
1.	Il-Ġenesi		huma l-kotba li fihom il-mirakli u t-tagħlim ta' Ġesù.
2.	L-Atti tal-Appostli		huwa l-aħħar ktieb tal-Bibbja.
3.	L-Evanġelji		huma kotba bit-tagħlim tal-profeti.
4.	Il-Kotba tal-Profeti		huwa l-ewwel ktieb tal-Bibbja.
5.	L-Apokalissi		jurina l-ħidma tal-Appostli wara li Ġesù tela' s-sema.

Imla l-vojt. *(6 marki)*

6. Il-Bibbja hi ġabra ta' _____ ktieb.

7. Il-lingwi oriġinali tal-Bibbja huma l-_____ u

l-_____.

8. Fost l-Evanġelisti nsibu lil San _____ u San _____.

9. Fil-Bibbja nsibu ġrajjiet ta' persuni li ħallew lil _____ jmexxihom.

Wieġeb.

10. X'insejħulha l-ħidma ta' Alla fil-kitba tal-Bibbja?

_____*(marka)*

11. Semmi stil ta' kitba li nsibu fil-Bibbja.

_____*(marka)*

12. Agħti **ŻEWĠ eżempji** biex turi għaliex inti llum bħala Nisrani/ja huwa importanti li taqra l-Bibbja.

a) _____*(marka)*

b) _____*(marka)*

TAQSIMA 3 **(15-il marka)**

SFIDI FID-DAWL TAT-TRADIZZJONI KATTOLIKA U L-MESSAĠĠ BIBLIKU

Imla l-vojt. *(2 marki)*

1. "Ħadd ma għandu _____ akbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."
2. It-talba li għallimna Ġesù u li ngħiduha waqt il-Quddiesa hija t-talba tal-_____ .

Kompli s-sentenza. *(6 marki)*

3. Parabbola hija _____

_____

4. Permezz tat-talb _____

_____

5. Ġesù huwa meqjus bħala l-aqwa għalliem għax _____

_____

Wieġeb.

6. Semmi **ŻEWĠ** mirakli li għamel Ġesù.

a) _____*(marka)*

b) _____*(marka)*

7. Semmi **ŻEWĠ** ġrajjiet fejn insibu lil Ġesù jitlob.

a) _____*(marka)*

b) _____*(marka)*

8. (a) Semmi persuna li meta ltaqgħet ma' Ġesù biddlet ħajjitha.

_____ *(marka)*

(b) X'għamlet din il-persuna biex tibdel ħajjitha?

_____

_____ *(2 marki)*

TAQSIMA 4 **(15-il marka)**

IR-RELIĠJONIJIET PRINĊIPALI TAD-DINJA

Imla l-vojt bil-kliem mogħti. *(6 marki)*

il-Knisja	il-Koran	it-Torah	is-sinagoga	il-Bibbja	il-Ħadd

1. Il-ktieb qaddis tal-Musulmani. _____
2. Il-ktieb qaddis tagħna l-Insara. _____
3. Il-post fejn jitolbu l-Insara. _____
4. Il-jum iddedikat lil Alla għalina l-Insara. _____
5. Il-post fejn jitolbu l-Lhud. _____
6. Il-ktieb qaddis tal-Lhud. _____

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numri minn 7 sa 9 fil-kaxxi l-vojta fin-nofs. *(3 marki)*

	Kolonna A		**Kolonna B**
7.	Post ta' pellegrinaġġ għal-Lhud.		il-Kumpless Al-Aqsa
8.	Post ta' pellegrinaġġ għall-Musulmani.		il-Knisja tal-Qabar Imqaddes
9.	Post ta' pellegrinaġġ għall-Insara.		il-Ħajt tal-Punent

Imla l-vojt. *(3 marki)*

10. Is-sagramenti tal-maħfra huma l-_____ u l-Griżma tal-morda.
11. Festa li niċċelebraw fi żmien il-Milied hija _____.
12. Festa li niċċelebraw fi Żmien l-Għid hija _____.

Wieġeb.

13. (a) Semmi parabbola li fiha naraw il-ġmiel tal-maħfra li nirċievu mingħand Alla.

_____*(marka)*

(b) X'nitgħallmu minn din il-parabbola?

_____

_____ *(2 marki)*

TAQSIMA 5 **(15 il-marka)**

L-GĦAQDA: MIEGĦI NNIFSI, MAL-OĦRAJN U M'ALLA

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.
(4 marki)

1. " Jiena hu l-**ħ**_____ il-ħaj li niżel mis-**s**_____.

Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem.

U l-ħobż li jiena nagħti hu **ġ**_____ għall-ħajja

tad-**d**_____."

Għal min qed jirreferi? *(5 marki)*

2. It-tifel ta' Abraham u Sara. _____
3. Inbiegħ minn ħutu għax kienu jgħiru għalih. _____
4. Bil-qawwa ta' Alla ħareġ lill-Poplu Lhudi mill-Eġittu. _____
5. L-akbar Sultan tal-Poplu Lhudi. _____
6. Permezz tiegħu seħħew il-wegħdiet kollha li Alla għamel fit-Testment il-Qadim. _____

Wieġeb.

7. San Tarċisju wera mħabba kbira lejn l-Ewkaristija. Kif tista' int ukoll illum bħala Nisrani/ja tgħix fuq l-eżempju ta' dan il-qaddis?

_____

_____ *(2 marki)*

8. Santa Tereża ta’ Kalkutta, San Massimiljanu Maria Kolbe u San Ġwanni Pawlu t-Tieni huma qaddisin ta’ żmienna li għexu dak li ried Alla f’ħajjithom.

(a) Agħżel qaddis/a u għid kif għex/għexet dak li Alla ried minnu/ha.

_____

_____*(2 marki)*

(b) Agħti **żewġ eżempji** biex turi kif int ukoll, illum, bħala Nisrani/ja tista’ tgħix fuq l-eżempju ta’ dan/din il-qaddis/a.

(i)_____ *(marka)*

(ii) _____ *(marka)*

Taqsima 6 **(15-il marka)**

ASPETTI TA’ SFIDA FL-ESPERJENZA UMANA

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.

(5 marki)

1. Il-bniedem beda jbati u jagħraf il-ħażen minħabba li waqa’ fid-**d**_____.
2. Il-bniedem hu maħluq biex jagħmel dak li hu **t**_____.
3. It-tbatija u l-ħażen m’humiex ġejjin minn **A**_____.
4. Id-dinja hija mimlija bis-sabiħ u l-ikrah, ħafna drabi riżultat tal-**għ**_____ li jagħmlu l-bnedmin.
5. Personaġġ mit-Testment il-Qadim, li baqa’ fidil lejn Alla anke meta għadda minn tbatijiet kbar huwa **Ġ**_____.

Kompli s-sentenza. *(4 marki)*

6. Meta l-bniedem jagħżel li ma jobdix lil Alla _____

_____

7. Meta l-Appostli raw lil Ġesù ħaj _____

_____

Wieġeb.

8. Semmi **ŻEWĠ tbatijiet** li jiġu mill-egoiżmu tal-bniedem.

(a)_____ *(marka)*

(b) _____ *(marka)*

9. Semmi **ŻEWĠ tbatijiet** li għadda minnhom Ġesù.

(a)_____ *(marka)*

(b) _____ *(marka)*

10. Kif nista' jien illum bħala Nisrani/ja nwassal l-aħbar li Ġesù huwa ħaj?

Agħti **ŻEWĠ eżempji**.

(a)_____ *(marka)*

(b) _____ *(marka)*

Taqsima 7 **(10 marki)**

Wieġeb fit-tul.

(a) F'madwar ħamsin (50) kelma ikteb fuq suġġett/persuna li għexet wara Ġesù u li dwaru/ha għamilt ir-riċerka din is-sena.

_____

_____

_____

_____

_____ *(5 marki)*

(b) X'tgħallimt minn dak li ħdimt fuqu?

_____

_____

_____

_____

_____ *(5 marki)*

TMIEM IL-KARTA